MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 792/2001/1

**KPMG**

**Vs**

**ATC Plastics Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Settembru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,872.73), dovuti in relazzjoni ma' servizzi professjonali rezi, kif jidher mill-istatement anness bhala Dok. "A".

Bl-ispejjez u l-imghax legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qeghda tpoggi ostakolu ghall-azzjoni attrici fil-kuntest ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili. Din l-eccezzjoni giet irtirata bil-verbal tad-29 ta' Mejju, 2002, (Fol. 18) wara li Julian Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, ammetta illi huwa debitur versu s-socjeta' attrici.

Ghalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra aktar din l-eccezzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici kienet imqabbda taghmel xoghol ta' *accountancy* u *consultancy* mis-socjeta' konvenuta. Dan ix-xoghol twettaq u ntbaghatu diversi kontijiet u saru wkoll xi pagamenti akkont sakemm fl-ahhar baqa' bilanc ta' elf, tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin cemntezmu (Lm1,872.73) illi baqghu dovuti lis-socjeta' attrici.

Joe Camilleri Bowman, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, ta d-dettalji konfortati bid-dokumenti dwar kif wasal ghal din ic-cifra. Il-Qorti rat dawn id-dokumenti, specjalment dawk minn Fol. 35 sa' Fol. 51, fejn il-fatturi huma spjegati bl-aktar mod dettaljat u jirriflettu x-xoghol illi ghamlet is-socjeta' attrici.

Julian Camilleri, min-naha l-ohra, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta ma tantx huwa car fix-xhieda tieghu.

Hemm konflitt ukoll bejn din ix-xhieda u dik moghtija mit-tifla tieghu, allura s-segretarja tas-socjeta', Sylvana Atiknson.

Filwaqt li Julian Camilleri jsemmi l-iskop ghall-ingagg tas-socjeta' attrici bhala dak ghall-ottjeniment ta' *overdraft* mill-Bank of Valletta, s-Sinjura Atkinson issemmi akkwist ta' art min-naha tal-Malta Development Corporation.

Milli jidher la l-art u lanqas l-*overdraft* ma giet akkwistata mis-socjeta' konvenuta u t-tnejn jghidu li wara dan, dehrilhom illi s-servizzi tas-socjeta' attrici ma kienux aktar bzonjuzi.  Hu x'inhu, jibqa' l-fatt illi fit-terminu msemmi minn Joe Camilleri Bowman, is-socjeta' attrici pprestat servizzi lis-socjeta' konvenuta, liema servizzi kienu rikjesti u accettati mill-istess partijiet.

Il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici ppruvat, fi grad li trid il-ligi illi s-somma mitluba minnha hija gustifikat.  Jekk hemm xi nuqqas ghall-prezentazzjoni tardiva ta' l-*audited accounts* ta' l-1997, dana huwa dovut interament ghas-socjeta' konvenuta illi ma kkonformatx ruhha mar-rikjesta tas-socjeta' attrici li tipprovdi l-*financial statements* ta' dik is-sena l-1997, (Fol. 23).

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici hija gustifikata illi titlob l-ammont rikjest fl-Avviz, liema ammont jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,872.73), dovuti in relazzjoni ma' servizzi professjonali rezi, kif jidher mill-istatement anness ma' l-Avviz immarkat bhala Dok. "A".

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur